VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,890, 16 ta' Marzu, 2012
Taqsima B

A.L. 90 tal-2012

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 490.04.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' April, 2012.

Emenda tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-paragrafi (d) u (e) tas-subregolament (5) tar-regolament 3 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(d) l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;

(e) l-Att dwar Dazju tas-Sisa;

(f) l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa; u

(g) l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.".